Itla' għoli li minnu tista' taqa' bla periklu, speċjalment fuq art tal-konkos; sakemm ma tkunx protett b'xi elmu jew ċingi.
Waqt xogħol viċin ta' magni, ara hemmx fatturi ta' sigurtà bħal tifi awtomatiku jew xi lqugħ ta' sigurtà madwar il-magna.
Ipprova sib xogħol b'siegħat konsistenti, biex ma tnaqqasx mill-irqad.
Jekk int sensittiv għal teptip ta' dawl, ipprova illimita l-ħin li tagħmel quddiemu. Kultant ħares in-naħa l-oħra, uża nuċċali iswed. Uħud jgħidu li ħġieġ blu, l-aħjar.
L-istress jagħmilhom agħar l-aċċessjonijiet? Għandek ħafna stress f'xogħlok? Jekk hu hekk, fittex metodi li tista' tnaqqas l-istress.
Jekk ix-xogħol tiegħek jitlob lbies protettiv, użah.
Żomm imħadda żgħira f'xi kexxun u għid lil sħabek biha, biex ikunu jistgħu jpoġġuha taħt rasek jekk tagħtik xi aċċessjoni.
Żomm tibdila ħwejjeġ fuq ix-xogħol għal li jista' jkun jitħammġulek dawk ta' fuqek waqt xi aċċessjoni.

## CARITAS (MALTA)
## EPILEPSY ASSOCIATION

Caritas (Malta) Epilepsy Association ġiet imwaqqfa fl-1996, fi ħdan il-Caritas. Din l-assoċjazzjoni kienet imwaqqfa bil-għan li tgħin lill-persuni li jbatu bil-kundizzjoni ta' l-epilessija u l-familji tagħhom. Dan isir billi l-ewwel ngħinuhom jaċċettaw din il-kundizzjoni, u b'hekk ikunu jistgħu jgħixu ħajja ħienja u normali.

Fil-mument l-assoċjazzjoni għandha 'l fuq minn 200 membru, li minnhom xi 150 ibatu bl-epilessija. Huwa stmat li f'Malta u Għawdex hemm iktar minn tlett elef persuna li jbatu bl-epilessija. Il-grupp huwa membru ta' l-International Bureau of Epilepsy u EYIE (International Youths in Europe).

Darba fix-xahar ikollna laqgħa għall-membri, it-tieni ġimgħa ta' kull xahar bejn is-6.00 p.m. u s-7.30 p.m. Nixtiequ navżaw li dak li jingħad fil-laqgħa jibqa' kunfidenzjali u m'għandux jingħad barra. Għal aktar informazzjoni tistgħu tikkuntatjaw lil:


**CARITAS (MALTA) EPILEPSY ASSOCIATION**
**5, Lion Str., Floriana, Malta.**
**Tel: 21233933; 21245358; 2590 6600; 3290 2845**

E-mails: Godcac@global. net. mt
Zenit@maltanet. net

Websites: www.caritasmalta.org/page01.htm
www.epilepsia.fi/info/linkit.htm



CARITAS MALTA
EPILEPSY
ASSOCIATION
5 Lion Street, Floriana
Tel: 21233933 - 21245358


# L-EPILESSIJA U X-XOGĦOL



L-EPILESSIJA U X-XOGĦOL

# L-EPILESSIJA U X-XOGĦOL

Il-parti l-kbira ta' min ibati bl-epilessija, għandu l-ħila jżomm l-impieg b'suċċess. Huwa minnu li l-epilessija taf toħloq problemi fix-xogħol u wħud isibuha iebsa li jsibu impieg li fih jużaw il-kapaċitajiet u l-esperjenza tagħhom. Ftit huma daw l-impiegi li b'liġi ma jistgħux jokkuphom individwu li għandu l-epilessija kkontrollata. B'daqsxejn paċenzja u perseveranza għandek issib impieg għal qalbek li fih tuża t-talenti u l-esperjenza tiegħek.

## X'ngħidlu lill-imgħallem tiegħi?

a) It-tip ta' epilessija li għandek u kif teffettwak, inkluż kemm tagħtik ta' spiss u meta jagħtik.
b) Jekk tħosshiex ġejja minn qabel.
ċ) Kemm idumu normalment l-aċċessjonijiet.
d) X'suppost isir jekk tagħtik aċċessjoni.

Uħud mill-imgħallmin ftit jafu fuq l-epilessija. Forsi jaħsbu li ma tistax tħaddem kompjuter jew VDU (*vision display unit*) minħabba fotosensittività (tkun sensittiv għal dawl iteptep). Huwa xogħlok li tispjegalu l-fatti kif inhuma b'mod rilassat.

## U n-nies li naħdem magħhom, x'ngħidilhom?

Ladarba tkun sibt impieg, int trid tiddeċiedi x'ser tgħidilhom lil sħabek tax-xogħol. Aħna naħsbu li l-aħjar hu li tkun onest. Jekk dawn ikunu jafu li għandek l-epilessija u kif għandhom jaġixxu f'każ li tagħtik aċċessjoni, ikun hemm inqas problemi ta' mistħija u ansjetà.
Aħseb sew biex titgħallem iktar. Iktar ma tkun taf iktar aħjar biex tkun minn ta' quddiem għal xi impieg, għandek jew m'għandekx epilessija.

## Hemm xi xogħol li ma nistgħux nagħmlu?

Iva. Hemm xogħol li bil-liġi ma tistax tagħmlu jekk għandek l-epilessija. Hemm impiegi oħrajn li huma marbutin minn regolamenti tas-saħħa (pereżempju trid tkun ilek ma jagħtik aċċessjoni għal perjodu ta' żmien qabel ma tkun tista' tapplika). Ir-regoli li jiggvernaw ix-xogħol jistgħu jiddependu fuq jekk kellekx l-epilessija qabel ma applikajt għax-xogħol, jew żviluppatlekx wara li kont diġà bdejt taħdem. Ir-regoli huma kkomplikati u kapaċi jinbidlu minn żmien għal żmien. Għaldaqstant dawn il-pariri huma biss ġenerali. Biex tkun taf fiċ-ċert ċemplilna fuq il-*helpline*.

Impiegi suġġetti għal ċertu regoli jinkludu piloti ta' l-ajru, xufier ta' ambulanza, forzi armati, gwardja tal-kosta, brigata tat-tifi tan-nar, LGV/PVC, xufier ta' taxi, baħri, nurse, qabla, pulizija, servizz fil-ħabs, għalliem fi skola tal-gvern u xufier ta' ferrovija. Ċerti impiegi jistgħu ikunu ta' periklu għal min għandu l-aċċessjonijiet mhux ikkontrollati. Dawn jinkludu xogħol:-

- F'għoli mhux protett.
- Fejn ilma miftuħ.
- Elettriku mikxuf u għoli.
- Ma tfal żgħar jew trabi.
- Li jirrikjedi safar ta' spiss.
- Ma' magni jew apparat mhux protett.
- Fuq jew viċin ta' vetturi mobbli.
- Ma' xi kimiċi jew nirien, fran jew *heli copters*.
- Fejn tkun waħdek.
- Fejn hemm ħwejjeġ ta' valur kbir u li huma fraġli.

Il-parti l-kbira tan-nies bl-epilessija jistgħu jaħdmu mingħajr inkwiet għas-sigurtà tal-ħajja. Ċerti impiegi iżda, huma iktar ta' riskju jekk l-aċċessjonijiet huma ta' sikwit, jew jinvolvu ħass ħażinijiet f'daqqa.



## L-impiegi jistgħu jiġu iktar sikuri bi ftit bdil.

Min iħaddem huwa, f'ħafna każi, obbligat bil-liġi li jagħmel dan il-bdil.

Jirrevedi xi riskji relatati ma' l-impieg li jgħodd għalik. Jista' jinbidel xi ħaġa għall-ġid tas-soċjetà.
Għid lil sħabek tax-xogħol x'għandek u x'għandhom jagħmlu bħala l-ewwel għajnuna. Dan ixejjen xi biża' u xi ideat ħżiena li seta' kellhom fuq l-aċċessjonijiet.